# IL-PJAN TAL-LEZZJONI – 2.4

**Kap 2: Qatt Ma Jien Waħdi**

**Lezzjoni 2.4 – X'nistenna minn ta' madwari?**

**L-Għanijiet:**

**L-istudenti:**

1. Jagħrfu min huma n-nies l-aktar qrib tagħhom.
2. Jiddiskutu x'jistennew min-nies ta' madwarhom.



**Ir-Riżorsi għal-lezzjoni:**



- Ppt : Għax Jien Speċjali
- Karta ta' Taħriġ 2.3 (mill-Ktieb)
- Karta ta' Taħriġ Addizzjonali.

## Naqsmu flimkien – L-Introduzzjoni u d-diskussjoni tal-bidu

1. Ibda l-lezzjoni billi tistieden lit-tfal jaraw il-ppt 'Għax jien speċjali'. Mill-ppt it-tfal jaraw kemm hawn nies lesti li jaħdmu għalihom propju biex jarawhom kuntenti.
2. Spjega l-fatt li ħafna minn dawn li jieħdu ħsiebhom jagħmlu hekk bla flus, bla interessi u bla ma jistennew xejn lura.
3. Stieden lit-tfal jikkummentaw dwar din il-ħaġa.



## Nisimgħu flimkien (Il-qafas tal-lezzjoni)

1. Jekk tixtieq, tista' taħdem il-karta ta' Taħriġ Addizzjonali li hija pprovduta.

2. Stieden lit-tfal jiftħu l-Ktieb tal-Attivitajiet 2.3. Spjega s-silta mogħtija u, jekk trid, ħalli t-tfal jikkummentaw.

3. Spjega Attività 1 u b'diskussjoni islet ir-risposti mingħand it-tfal stess.

4. Issa nidħlu aktar fil-fond u nispeċifikaw x'jagħmlu għalina dawn in-nies. It-tweġibiet ta' Attività 2 jistgħu jvarjaw u allura l-eżerċizzju jista' jsir b'mod individwali u wara jsir *sharing*. Jista' jinħadem fuq bażi ta' klassi u allura t-tfal, flimkien, jimlew it-taħriġ.

5. Iddiskuti Attività 3 u spjega kemm hu importanti li fil-ħajja tagħna naħdmu biex ikollna x'ikollna nkunu kuntenti.



## Nikbru flimkien (Il-punti saljenti tal-lezzjoni)

1. Biex napprezzaw lil xi persuna rridu nieqfu ftit mill-ħajja mgħaġġla ta' kuljum u naħsbu x'qed tagħmel dik il-persuna għalina.
2. Biex tassew nifhmu kemm iħobbuna, irridu naraw kemm ibatu u jaħdmu għalina.
3. Biex nuru li dawn il-persuni jagħmlu minn kollox għalihom, irridu juru apprezzament mill-qalb.



## Nagħżlu flimkien (L-attitudni)

- Lil dawk li jħobbuhom u jaħdmu għalihom, it-tfal juruhom apprezzament u jgħidulhom 'grazzi' ta' spiss.
- Jitgħallmu jgħixu u jkunu kuntenti b'dak li jkunu għaddejjin minnu.



## Nitolbu

Ġesù, grazzi talli dawwartni b'nies li jħobbuni u jaħdmu biex jien ngħix kuntent/a.

